MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 1087/2001/1

**Jimcam Enterprises Ltd**

**vs**

**Charles Zammit u Evan Mamo**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Gunju, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu minghand il-konvenuti is-somma ta' elf hames mija u tlieta u ghoxrin lira u wiehed u tmenin centezmu (LM1,523.81) flimkien ma l-interessi kummercjali minn data ta' kull somma meta kienet dovuta ghal prezz ta' zebgha lilhom mibjugha u kkonsenjata;

Illi l-konvenuti interpellati diversi drabi biex ihallas imma baqghu inadempjenti;

Ili dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli u fil-fehma tas-socjeta' attrici, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba tal-hlas mitlub;

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija tlieta u ghoxrin lira u wiehed u tmenin centezmi (LM1,523.81) flimkien ma l-interessi kummercjali minn data ta' kull somma meta kienet dovuta ghal prezz ta' zebgha lilhom mibjugha u kkonsenjata;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Evan Mamo li *in forza* taghha huwa eccepixxa illi:

1. Preliminarjament, it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-konvenut eccipjenti m'ghandu l-ebda rapport guridiku personali mas-socjeta' attrici Jimcam Enterprises Ltd fil-konfront tat-talbiet attrici, u ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta' attrici ghandha tipprezenta dokumenti rizultanti ricevuti, invoices, u / jew 'notices of delivery' awtorizzati bhala tali mill-konvenut esponenti, bhala prova tal-bejgh u konsenja taz-zebgha in kwistjoni a tenur tat-talbiet attrici;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Zammit li *in forza* taghha huwa eccepixxa illi:

1. L-eccipjenti mhuwiex il-legittimu kontradittur u qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti m'ghandu jaghti ebda ammont lis-socjeta' attrici;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat in-Noti tax-xhieda tal-partijiet;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat illi, minkejja l-fatt illi l-partijiet talbu u inghataw zmien sabiex jipprezentaw noti ta' l-osservazzjonijiet, huma naqsu milli jaghmlu dan fiz-zmien moghti lilhom minghajr ma taw ebda spjegazzjoni;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ser tghaddi biex l-ewwel tezamina l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti. Illi kemm il-konvenut Charles Zammit, kif ukoll il-konvenut Evan Mamo, fin-Noti ta' l-eccezzjonijiet rispettivi taghhom eccepew illi huma m'ghandhom l-ebda rapport guridiku mas-socjeta' attrici fil-konfront tat-talbiet attrici u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi il-Qorti ezaminat x-xiehda u senjatament rat ix-xhieda ta' Jane Camilleri, Manager tas-socjeta' attrici. Jane Camilleri xehdet illi s-socjeta' attrici ghandha hanut minn fejn minn fejn tbiegh oggetti konnessi maz-zebgha u l-konvenuti kienu jaghmlu l-ordni taghhom u huma, jigifieri s-socjeta' attrici kienu jikkonsenjawhom ix-xoghol skond l-

ordni taghhom. Skond ix-xiehda ta' Jane Camilleri l-arrangament kien illi l-konvenuti kellhom ihallsu on delivery, pero' huma mhux dejjem hallsu on delivery u ghalhekk kien hemm ammont illi dejjem kien jakkumula, illi kien dovut lis-socjeta' attrici u l-konvenuti kienu jaghmlu pagamenti akkont. Ix-xhud kompliet tghid ukoll illi meta s-socjeta' attrici kienet tikkonsenja l-oggetti lill-konvenuti skond l-ordni li huma jkunu ghamlu, s-socjeta' attrici kienet tikkonsenjalhom ukoll invoice li kienet tigi iffirmata mill-konvenuti. Ix-xhud ikkonfermat illi s-socjeta' attrici ghad fadlilha tiehu l-bilanc kif imsemmi fic-citazzjoni.

Illi l-istess xhud esebit invoice datata 30 ta' April, 2001 illi turi wkoll il-pagamenti illi saru u d-dati ta' meta saru dawn il-pagamenti u esebit ukoll diversi kopji ta' invoices u qalet illi dawn l-invoices kienu dejjem jigu iffirmati minn xi hadd mill-konvenuti. Illi dawn l-"invoices" huma kollha intestati kif gej : "Jimcam Enterprises Limited, 5 Triq l-Gholjiet, Mellieha, Malta".

Illi ghalhekk il-Qorti qeghda tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tara illi jirrizulta mill-provi prodotti illi l-konvenuti kellhom relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici ghaliex kif jirrizulta mill-invoices illi gew esebiti dawn dejjem kienu jinhargu f'isem s-socjeta' Jimcam Enterprises Limited u mhux f'isem Jimmy Camilleri personalment u dawn l-"invoices" dejjem gew accettati u iffirmati mill-konvenuti.

Ikkunsidrat :

Illi l-lista ta' l-invoices kollha, esebita mix-xhud Jane Camilleri, u li tinsab a fol 63 tal-process, ma taqbilx mal-lista esebita mac-citazzjoni li tinsab a fol. 5 tal-process. Meta Jane Camilleri giet mistoqsija dwar din id-diskrepanza hija spjegat illi suppost illi fl-ahhar kolonna tad-dokument li jinsab esebit a fol. 5 tal-process fl-ewwel "entry" u cioe' dik ta' l-1 ta' Frar tas-sena 2000 suppost li fl-ahhar kolonna, cioe' il-kolonna "net due" kellu jidher l-ammont ta' wiehed u tletin lira u tmienja u disghin centezmu, izda bi zball dan ma deherx u ghalhekk tezisti din id-diskrepanza.

Illi Jane Camilleri in kontro-ezami xehdet illi dejjem jew wiehed jew l-iehor mill-konvenuti kienu icemplu biex jaghmlu l-ordnijiet, izda ma tafx min kien jircievi l-oggetti ghaliex mhux hi kienet taghmel id-deliveries.

Illi mix-xiehda ta' Jimmy Camilleri li gie imsejjah biex jixhed mis-socjeta' attrici irrizulta illi Jimmy Camilleri ghandu hanut taz-zebgha li jinsab il-Mellieha. Jimmy Camilleri xehed illi kienu baghatu ghalih iz-zewg konvenuti u persuna ohra illi sussegwentement ma baqghetx tinnegozja mal-konvenuti odjerni u l-konvenuti kienu qalulu li riedu jaghmlu negozju ta' tiswija ta' karozzi u spraying ta' karozzi. Effettivament kienu hadu minghandu mixing machine fir-rigward ta' zebgha ta' spray ta' karozzi u kienu jixtru minghandu zebgha relattiva ghall-ispray. Dan in-negozju dam sejjer ghal madwar sena. Jimmy Camilleri ikkonferma illi s-socjeta' attrici ghandha tieghu l-ammont kif mitlub fic-citazzjoni. Huwa xehed illi kien jibghat lill-konvenuti statement kull xahar u kien jikkonsenja lill-konvenuti z-zebgha. Ix-xhud kompla jghid illi l-konvenuti kellhom workshop San Gwann u meta kien jaghmel il-konsenja taz-zebgha kien ikun hemm il-konvenut Zammit, kif ukoll il-konvenut Mamo. Ix-xhud kompla jghid illi z-zewg konvenuti kienu jinnegozjaw taht l-isem Body Works, izda sa fejn jaf hu ma kellhomx kumpannija. Jimmy Camilleri kompla jixhed illi huwa ghad fadallu jiehu s-somma imsemmija fic-citazzjoni u ikkonferma wkoll illi wara illi istitwixxa l-proceduri odjerni kien avvicinah il-konvenut Mamo u kien qallu li kien dispost li jhallas il-parti tieghu, izda hu kien qallu illi ried is-somma kollha u mhux parti biss. Jimmy Camilleri in kontro-ezami xehed illi gieli sema illi l-konvenut Zammit kien qed jippretendi illi huwa kien biss impjegat. Huwa xehed ukoll illi meta kien jiehu z-zebgha lill-konvenuti huma kienu jiffirmaw ghaliha u esebixxa numru ta' delivery notes debitament iffirmati illi jinsabu effettivament esebiti fil-process. Ix-xhud finalment qal illi l-firma li tidher fl-ewwel dokument li gie immarkat mill-Qorti bl-ittra "X" hija ta' Charles Zammit. Huwa xehed ukoll illi l-konvenut Mamo ma kienx jahdem fil-workshop ghaliex kien jahdem id-Drydocks u kien jaghmel hafna zmien imsiefer.

Illi irrizulta wkoll mill-provi u senjatament mix-xiehda ta' Jimmy Camilleri illi l-konvenuti gieli ghamlu xi pagamenti akkont u ghalhekk l-ammont imsemmi fic-citazzjoni huwa bilanc ta' somma akbar. Jimmy Camilleri xehed illi l-konvenuti kienu jhallsu permezz ta' cheque, izda ma ftakarx ta' min kienu dawn ic-cekkijiet u lanqas ma ftakar min kien jiffirma dawn ic-cekkijiet.

Ikkunsidrat :

Illi meta xehed il-konvenut Charles Zammit huwa ikkonferma li kien impjegat mal-konvenut l-iehor Mamo, izda xehed illi huwa kellu wkoll percentagg fuq il-qliegh u kien impjegat bhala supervisor. Huwa qal illi apparti l-paga kellu wkoll percentagg mill-qligh; liema percentagg kien ta' hamsa u erbghin fil-mija (45%) (fol. 86 tal-process).

Illi aktar tard Charles Zammit rega' xehed u qal illi wara li ghamel l-verifiki irrizultalu ili kien jippartecipa fil-profitti fil-percentagg ta' erbghin fil-mija (40%) u apparti minn hekk kien jiehu wkoll paga. Huwa ikkonferma illi gieli wkoll accetta deliveries u gieli iffirma wkoll id-delivery notes relattivi. Huwa xehed illi kien jiffirma ghan-nom tal-konvenut Mamo, pero' fid-delivery note ma kien inizzel xejn, kien ikun hemm biss il-firma tieghu (fol 91 tal-process).

Illi aktar tard fil-kontro-ezami il-konvenut Charles Zammit xehed illi matul is-sena li hadem ma Mamo kien jiehu l-paga, izda profitti qatt ma ha.

Illi irrizulta illi effettivament il-konvenut Zammit kien impjegat ma Evan Mamo, pero' l-impjieg tieghu eventwalment kien gie terminat minhabba redundancy.

Illi l-konvenut Charles Zammit xehed ukoll illi huwa qatt ma kien qal lil Jimmy Camilleri dwar l-arrangamenti li huwa kellu mal-konvenut Mamo.

Illi l-konvenut Evan Mamo ma xehedx f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi s-socjeta' attrici irnexxielha tipprova illi l-konvenuti ghandhom jaghtuha in solidum bejniethom s-somma ta' elf hames mija tlieta u ghoxrin lira u wiehed u tmenin centezmi (LM1,523.81).

Illi fir-rigward tal-konvenut Charles Zammit il-Qorti tara illi dan ma kienx xhud kredibbli, l-ewwel xehed illi kellu percentagg ta' hamsa u erbghin fil-mija (45%), umbaghad xehed illi l-percentagg li kellu mill-qligh kien ta' erbghin fil-mija (40%), umbaghad xehed illi effettivament qatt ma ha l-ebda percentagg mill-qligh u ha biss paga. In vista tal-fatt illi l-konvenut Zammit biddel ix-xiehda tieghu tlett darbiet il-Qorti ma tqisux bhala xhud kredibbli. Jirrizulta li Zammit iffirma l-invoices u d-delivery notes u qatt ma qal lil Jimmy Camilleri illi huwa kien qieghed jaghmel dan fuq inkarigu tal-konvenut l-iehor, izda dejjem tah x'jifhem kif fil-fatt kien illi huwa kellu parti minn dan in-negozju.

Illi ghalhekk lanqas it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Charles Zammit ma giet ippruvata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mill-kawza billi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Evan Mamo u Charles Zammit u tilqa t-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija tlieta u ghoxrin lira u wiehed u tmenin centezmi (LM1,523.81) flimkien ma l-interessi kummercjali minn data ta' kull somma meta kienet dovuta ghal prezz ta' zebgha lilhom mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------